MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 160/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Colin Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Colin Spiteri talli fit-12 ta' Dicembru 2004, ghall-habta ta’ l-10:00 p.m., fi Triq il-Kbira, San Giljan, saq vettura nru. ABF-903 u:

(1) Naqas li jsuq fuq in-naha tax-xellug tat triq;

(2) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura

gravi fuq il-persuna ta’ Jonathan Grech Cumbo skond kif iccertifika Dr. M. Camilleri M.D. ta’ S. L. H.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Colin Spiteri jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Mejju 2005, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Colin Spiteri hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' elf liri Maltin (Lm1000), u, wara li ddikjarat li mhux il-kaz ta’ sospensjoni, astjeniet milli tinfliggi dik il-piena wkoll;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Colin Spiteri pprezentat fit-23 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena jew alternattivament tvarja s-sentenza appellata biss ghal dak li jirrigwardja l-piena billi tinfliggi piena anqas oneruza fuqu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti tosserva li l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija ta' natura kontravvenzjonali preskrivibbli bid-dekorriment ta' tliet xhur. Skond l-artikolu 694 tal-Kodici Kriminali "l-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio*, u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha". L-incident in kwistjoni gara fit-12 ta' Dicembru 2004. Ic-citazzjoni nharget mill-Principal Citations Office fit-30 ta' Marzu 2005, cioe` wara l-iskadenza tal-perijodu ta' tliet xhur. Konsegwentement l-azzjoni kriminali kontra l-appellant fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni kienet diga` preskritta meta gew inizjati l-proceduri odjerni u ghandu jigi lliberat minnha.

Issa, l-aggravju principali ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi li tressqu quddiemha. Huwa jghid fir-rikors ta' appell tieghu illi m'ghandux igorr r-responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni stante illi waqt li huwa kien qed jaghmel il-manuvra tieghu halli jipparkeggja tali vettura, huwa ha l-mizuri kollha necessarji bhala sewwieq ghal *proper look-out* u kien il-mod kif kien qieghed isuq is-sewwieq tal-mutur li holoq l-incident.

Il-provi li semghet din il-Qorti kienu in sintesi s-segwenti:

**P.S. 500 John Giusti** kien mar jinvestiga l-kollizjoni in kwistjoni li sehhet fi Triq il-Kbira, San Giljan kif iddur mal-Knisja tal-Karmnu sejjer lejn tas-Sliema quddiem il-Kunvent tal-Karmnu. Dan ix-xhud qal li huwa kellem lill-appellant, li kien qed isuq il-karrozza numru ABF-903, fuq il-post u dan qallu li kien sejjer fid-direzzjoni ta' tas-Sliema meta lemah post vojt biex jipparkja fuq in-naha opposta tat-triq. Kif kien qieghed jimmanuvra biex jaqsam it-triq sabiex jipparkja, kien hemm mutur li kien qed isuq minn warajh li kien bhallikieku ser jaghmel *overtaking* tieghu u tilef il-bilanc. Skond dan ix-xhud l-appellant qallu li bl-istess mossa misslu l-bumper ta' wara u b'hekk il-mutur spicca jislajdja mat-triq u gie bejn zewg karrozzi ohra minghajr ma ghamlilhom hsara. Huwa kellem lil Jonathan Grech Cumbo l-Isptar. Dan qallu li kien qed isuq il-mutur tieghu JBF-623 wara l-karrozza misjuqa mill-appellant u x'hin wasal ma' genbu, il-karrozza ta' quddiemu (dik misjuqa mill-appellant) ghamlet il-manuvra biex taqsam it-triq, il-mutur tieghu miss mal-karrozza u tilef il-bilanc u waqa' bil-mutur.

**Jonathan Grech Cumbo** xehed li kien qieghed isuq mutur u kien qieghed jaqbez min-naha ta' barra. L-appellant kien qed isuq karrozza u qabad u qasam lejn il-lemin biex jipparkja. Ix-xhud qal li hu pprova jmur lejn il-lemin ukoll biex jipprova jiskapulah izda laqat il-karrozza fuq il-bumper. Skond dan ix-xhud l-appellant ma ghamel l-ebda sinjal qabel ma qasam. Qabel ma gara l-incident kien lehaq qabez karrozza wahda biss. Kif qabez dik il-

karrozza sab lill-appellant li ghamel il-manuvra tieghu lejn il-lemin. Il-pozizzjoni tieghu kienet wara l-vettura misjuqa mill-appellant izda fuq il-lemin taghha. Bil-manuvra li ghamel l-appellant, huwa tilef il-kontroll tal-mutur. Wara li laqat il-karrozza waqa' bil-mutur u sofra ksur fl-ghaksa u zewgt iswaba'. Dam xahar bil-gibs u xahrejn fizjoterapija u ghadu jbati fis-sens li ma jissaportix bil-wieqfa. Ix-xhud qal li bhala mertu civili kollox huwa ssetiljat.

**L-appellant** xehed li dakinhar ta' l-incident waqt li kien ghaddej ra post fuq in-naha opposta tat-triq, xeghel l-indicator biex jaqsam, naqqas u x'hin qasam fuq in-naha l-ohra kif kien sejjer jieqaf, skidja l-mutur u sema' hoss mal-karrozza. Hareg u sab lis-sewwieq tal-mutur ma' l-art. Qal li huwa kien hares mill-mera u ra l-karrozza izda ma rahx lil tal-mutur.

Skond l-appellant, it-tort ghall-incident ma kienx tieghu peress illi huwa ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji qabel ma qasam lejn il-lemin u t-tort ghandu jitqies tas-sewwieq tal-mutur li kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass minghajr ma zamm *a proper look-out*.

Wara li din il-Qorti kkunsidrat is-sottomissjonijiet tal-partijiet u l-provi kollha migjuba hi tal-fehma li l-appellant ma jistax jezimi ruhu minn kull responsabbilta`. Fil-fehma tal-Qorti l-provi juru soddisfacentement li huwa ghamel manuvra bruska lejn il-lemin biex jipparkja f'post li kien osserva fuq in-naha opposta tal-karreggjata.

Fi **Trial of Motor Car Accident Cases** ta' Gibb, naqraw f'paragrafu 85:

***"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some Regulation. In doing so, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching from the rear without giving any signal of his intention to turn, thus making it impossible for the driver of the rear to avoid a collision".***

Din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Schembri** deciz fis-26 ta' Gunju 1968, qalet:

**"Hemm hafna drivers li jahsbu illi meta jkunu ser jaqsmu ghal fuq il-lemin tat-triq, ikun bizzejjed li jaghmlu sinjal u li b'hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa zball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq: izda dan mhux bizzejjed biex hu jista' jaqsam. Ikun hemm bzonn li d-driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lit-traffiku li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet; u meta jkun assikura ruhu b'dan, id-driver ikun intitolat li jaqsam it-triq."**

Il-manuvra li ried jaghmel l-appellant biex idur lejn il-lemin kienet tinkombi fuqu massimu ta' attenzjoni u ma jiccaqlaqx qabel ma jkun cert li dan jista' jaghmlu minghajr perikolu ghalih u ghal utenti ohra tat-triq. Jekk verament l-appellant hares fil-mera u ma rax il-mutur u ftit sekondi wara, jekk mhux inqas, sehh l-incident, dan ifisser li jew ma hares xejn jew ma harisx sewwa. Inoltre, il-fatt li s-sewwieq ikun xeghel l-indicator mhux bizzejjed ghaliex ghalkemm din il-mizura ghandha tittiehed meta sewwieq jigi biex ibiddel id-direzzjoni tieghu, ma jkunx jiswa ta' xejn jekk hadd ma jinduna bih. Ghalhekk l-appellant kellu jaccerta ruhu li l-messagg moghti minnu permezz ta' l-indicator wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq u dawn fehmu wkoll il-messagg. Dan kellu jaghmlu billi jhares <u>sew</u> fil-mirja u, wara li jevalwa d-distanza tal-vetturi l-ohra, ma jbiddilx id-direzzjoni tieghu jekk il-manuvra tieghu setghet tkun ta' perikolu ghal terzi.

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant dwar il-mertu huwa michud.

Waqt is-sottomissjonijiet verbali li saru fil-21 ta' Lulju 2005, id-difensur ta' l-appellant attira l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li s-sentenza dattilografata a fol. 13 tal-process ma fihiex data. Dan ma jista' jnissel l-ebda konsegwenza. Fuq

ic-citazzjoni stess hemm is-sentenza miktuba mill-Magistrat u minnu ffirmata u datata li f'dan il-kaz ghandha titqies bhala l-original. Il-kopja dattilografata tista' titqies biss bhala kopja li b'nuqqas ta' min ittajpjaha ma nizzilx ukoll id-data tas-sentenza.

Id-difensur ta' l-appellant osserva wkoll illi t-tabib li rrilaxxja c-certifikat mediku (Dok. MC1) ma xehedx f'dawn il-proceduri. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Fil-kaz in ezami huwa minnu li ma xehedx Dr. M. Camilleri izda x-xiehda ta' Jonathan Grech Cumbo dwar l-offizi li garrab ma gietx kontradetta u minnha tirrizulta li huwa garrab offizi ta' natura gravi *per durata*.

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena nflitta u jghid li hija eccessiva. Il-principju regolatur in materja ta' piena hu li mhuwiex normali, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan il-kaz m'hemm l-ebda dubju li l-piena hija fil-parametri tal-ligi ghax jirrizulta li skond l-

artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali l-piena hija ta' prigunerija ghal mhux aktar minn sitt xhur jew tal-multa ta' mhux izjed minn elf lira (Lm1000), u l-ewwel Qorti ghazlet li timponi l-multa fil-massimu taghha u minghajr is-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan.

Jirrizulta pero` mix-xiehda ta' Jonathan Grech Cumbo li kull pretensjoni civili li huwa kellu fil-konfront ta' l-appellant issa gie soddisfatt. Ghalhekk din il-Qorti, anke wara li rat il-fedina penali ghal kollox netta ta' l-appellant, hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjara li l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni hi preskritta u tillibera lill-appellant mill-imsemmija l-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' elf liri Maltin (Lm1,000) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------